Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/23*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 23 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 28 ta' Novembru, 2014 fis-7.15p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Mario Mizzi.

Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa għal raġunijiet ta' mard. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud għandha tiġi skużata.

**1. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-22**

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**3. Attivitajiet fi żmien il-Milied**

Il-Kunsill iddiskuta dwar il-preparamenti li qed isiru biex jiġu organizzati l-attivitajiet tal-Milied. Kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa l-attivitajiet ser isiru fil-Museum u fis-sala tal-Knisja. Il-Kunsill qabel ukoll li kif isir ta' kull sena fil-bidu ta' Jannar tiġi organizzata ikla għall-membri kollha tal-Kunsill inkluż l-istaff.

Dwar l-attivita li ser issir meta l-President ta' Malta l-E.T. Marie Louise Coleiro Preca iżżur ir-raħal tagħna bħala parti mill-kampanja ta' ġbir ta' fondi b'risq il-Community Chest Fund is-Sindku qal li huwa diġa ikkunattja lill-Kimitat tal-Armar tal-Festa u anke lill-Kappillan sabiex l-attivita issir fil-Knisja. Se tiġi mistiedna kantanta u fil-ftit ħin li l-President tkun fostna ser ikollha l-opportunita li tiltaqa' mas-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri u l-poplu tal-Għasri. Dak il-ħin issir l-għotja ta' flus li tkun

inġabret għal Community Chest Fund. Din l-attivita ser issir nhar il-Ħadd 21 ta' Diċembru fin-12.30pm.

**4. Laqgħa Pubblika**

Is-sena finanzjarja tal-Kunsill tagħlaq fl-aħħar ta' Diċembru u għalhekk irid jiġi ppreżentat, diskuss u approvat il-baġit għas-sena 2015 kif ukoll il-pjan ta' ħidma għat-tlett snin li jmiss. Il-baġit għandu jkun approvat wara li jkun diskuss waqt laqgħa pubblika. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa pubblika għandha issir nhar il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru 2014 fis-7.00pm. Ser isiru l-avviżi dwar il-laqgħa pubblika kemm fuq gazzetti lokali kif ukoll permezz tal-fuljett li jippubblika l-Kunsill.

**5. Korrispondenza**

5.01 Memo 28/2014 – Nuqqas ta' Attendenza għal-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li l-informazzjoni mitluba diġa intbgħatet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

5.02 Il-Gozo Action Group infurmaw lill-Kunsill li l-Laqgħa Ġenerali Annwali ser issir nhar it-Tlieta 9 ta' Diċembru fis-7.30pm.

5.03 L-AKL infurmat lill-Kunsill dwar il-premju – National Volunteer Award 2014.

5.04 Is-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita u Anzjanita Attiva informa lill-Kunsilli Lokali dwar il-Premju Soċjeta Ġusta.

5.05 Joe Attard ta' Greenmt bagħat draft tal-ftehim bejn il-Kunsill u Greenmt għas-snin 2015-2017. Il-Kunsill iddiskuta dan il-ftehim u qabel li għandha issir emenda fl-artiklu li jsemmi l-Bring in Sites. Il-Kunsill qabel li għandu jkun il-Kunsill li jieħu deċiżjoni jekk ipoġġiex Bring in Sites jew le. Peress li kelna ħafna ilmenti dwar il-Bring in Sites il-Kunsill se iħalli l-opportunita li jneħħi il-Bring in Sites li għandna u minflokom ma jitpoġġa xejn. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa qed jagħmel kuntatti biex jara hemmx min huwa interessat li jieħu l-Bring in Sites li għandna fi Triq il-Fanal. Il-Kunsill qabel mal-kontenut ta' dan il-ftehim u għalhekk se jitlob lill-Greenmt sabiex issir emenda għal klawsola dwar il-Bring in Sites. Jekk minn naħa ta' Greenmt jaqblu dwar din l-emenda l-ftehim ikun jista' jiġi iffirmat. Il-Kunsill qabel ukoll li l-ftehim jiġi iffirmat wara li l-Kunsill jirċievi tal-inqas l-ewwel pagamanet tal-flus li għandna nieħdu minn għand il-Greenmt dwar Administration fees bejn l-2011 u l-2012. B'kollox il-Kunsill għandu jieħu €2070.

**6. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-23 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**7. Materja oħra**

7.01 George Cordina minn Fontana u għandu l-egħlieqi fl-inħawi ta' Triq tal-Gallina fejn sar il-proġett ta' kisi bil-konkos tal-wiċċ tat-triq talab sabiex jitranġa l-aċċess għall-għalqa tiegħu. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ix-xogħol diġa sar mill-ħaddiema tas-CMU. Peress li saret it-triq il-livelli inbidlu

xi ftit u għalhekk kien hemm bżonn li jitranġaw l-entraturi għall-egħlieqi li hemm f'dawn l-inħawi.

7.02 Michael Cefai minn Għajnsielem u li għandu l-egħlieqi fl-inħawi ta' Wied L-Għasri talab sabiex titranġa it-triq fl-inħawi imsejħa Tal-Važ. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa diġa mar jara x'hemm iżda qabel titranġa din il-parti aktar importani li jitneħħew ir-rampi li hemm aktar 'l isfel għal fuq il-wied u li qed jostakolaw l-ilma tax-xita. Jekk ma insolvux din il-problema ix-xogħol li qed jitlob Michael Cefai isir għal xejn għax malli tagħmel ix-xita jerġa' jiġi kollox kif inhu. Għalhekk il-Kunsill qabel li s-Sindku ikompli jikkordina sabiex jitneħħew ir-rampi li hemm fil-wied u wara ikun jista isir dan ix-xogħol ukoll.

7.03 Anthony Cini ta' Triq Salvu Gambin ilmenta dwar ħofra li hemm fl-istess triq fejn joqgħod hu. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li din il-ħofra kienet ġiet irranġata mill-ħaddiema tal-Kunsill u għalhekk dan l-ilment kien solvut.

7.04 Is-Sindku ippropona biex wara li tlesta l-proġett ta' Triq il-Gallina, il-Kunsill issa jista' jibda jaħdem fuq żewġ proġetti oħra li huma t-tkomplija tal-Water Culvert fl-inħawi ta' Triq il-Fanal u it-twessiegħ ta' Triq il-Ġonna. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jibda jikkordina mal-Perit sabiex dawn il-proġetti ikunu jistgħu jitwetqu fil-futur qrib.

**8. Quarterly Financial Report – Lulju – Settembru 2014**

Dan id-dokument tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dan id-dokument u l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill. B'sodisfazzjoni il-Kunsill innota li sal-aħħar tas-sena mistenni li jilħaq il-mira tiegħu li jelimina d-dejn kollu u anke iħalli bilanċ. Il-Kunsill approva unanimament ir-rapport finanzjarju għal kwart bejn Lulju u Settembru 2014.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru, 2014 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.30p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |